# IL-MULEJ ĠESÙ

“Intom min tgħidu li jien?”



Joseph Mizzi

**Il-Mulej Ġesù - Intom min tgħidlu li jien?**

Copyright 2015 - 2020 Joseph Mizzi

www.josephmizzi.blogspot.com

# Daħla

Darba minnhom Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu dwar l-identità tiegħu. 'Intom min tgħidu li jien?'[1] L-istess mistoqsija hi relevanti għalik u għalija illum. Min hu tassew Ġesù ta' Nażaret?

Hemm diversi opinjonijiet dwaru; min jgħid mod u min jgħid mod ieħor. L-aqwa xhieda dwaru hi l-Kelma miktuba t'Alla. L-Iskrittura, qal Ġesù, 'tagħti xhieda tiegħi.'[2]

L-Iskrittura twissina wkoll li jeħtieġilna nagħrfuh u nemmnu fih. Id-destin etern tagħna jiddependi fuq ir-relazzjoni tagħna miegħu. 'Dak li jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem, u dak li ma jemminx fl-Iben ma jarax il-ħajja, iżda għadab Alla jgħammar fuqu.'[3]

Mhux biżżejjed tgħid, 'Jien nemmen fl-Iben,' għaliex l-Iskrittura twissina wkoll li 'jqumu Kristijiet foloz,' u jixxandar 'Ġesù ieħor.'[4] Għalhekk inħeġġek taqra b'attenzjoni

---

[1] Mattew 16:15.

[2] Ġwanni 5:39.

[3] Ġwanni 3:36.

[4] Ara Mattew 24:24; 2 Korintin 11:1-4.

dan l-istudju konċiż tax-xhieda tal-Iskrittura Mqaddsa dwar il-Mulej Ġesù Kristu sabiex tiskopri min hu tassew, u biex minn qalbek temmen fih għall-ħajja ta' dejjem.

# 1. Bniedem

Sa mill-bidu nett nibet tagħlim falz dwar Ġesù. L-appostlu Ġwanni jgħarrafna li 'dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Ġesù ġie fil-ġisem.'[1] Dawn ma kinux jemmnu li Ġesù hu bniedem.

Ċerti karatteristiċi jiddistingwu l-bniedem minn Alla. Ngħidu aħna, Alla hu spirtu pur; il-bniedem għandu spirtu u ġisem. Alla hu etern, jinsab kullimkien, jista' kollox, jaf kollox u ma jinbidilx. Il-bniedem għandu bidu u nisel uman, ma jistax ikun f'żewġ postijiet f'ħin wieħed, għandu saħħa limitata u jgħejja, ma jafx kollox u jista' jitgħallem ħwejjeġ ġodda, jikber u jiżviluppa, u fl-aħħar imut ukoll.

Meta naqraw l-evanġelji malajr nintebħu li Kristu għandu l-kwalitajiet ta' bniedem. Twieled f'Betlehem madwar elfejn sena ilu minn mara Lhudija jisimha Marija. Bħal tfal oħra, Ġesù żviluppa u kiber fl-għerf u fit-tul. Trabba ma' Ġużeppi u Marija f'Nażaret, u kien jisma' minnhom. Tgħallem is-sengħa ta' Ġużeppi u ħadem ta' mastrudaxxa. Meta kellu madwar

[1] 2 Ġwanni 7.

tletin sena ħareġ jgħallem. Darba, għajjien mill-mixi poġġa bil-qiegħda fuq bir jistrieħ, darb' oħra raqad fid-dgħajsa. Stqarr li ħadd ħlief il-Missier ma jaf il-jum tar-ritorn tiegħu, kien jaqbdu l-ġuħ u l-għatx, kellu jivvjaġġa minn post għall-ieħor biex ixandar fi bliet differenti. Ħdejn il-qabar ta' ħabibu, Ġesù beka, u fil-ġnien taż-Żebbuġ ammetta ma' ħbiebu, 'Imnikkta wisq ruħi, għall-mewt.' Ħass it-tbatija tal-passjoni, u fl-aħħar nett, Kristu miet.

Jidher ċar, mela, li *Kristu hu bniedem tassew* ladarba għandu l-kwalitajiet umani bħalna.

## Xi bniedem hu dan?

Madankollu, daqshekk ieħor hu ċar li Kristu mhux sempliċiment bniedem. Twieled minn Marija verġni bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ġwanni l-Battista, li fost dawk kollha li twieldu ma deherx wieħed akbar minnu, stqarr li ma kienx jixraqlu jħoll il-qafla tal-qorq tiegħu. Kristu kellu s-setgħa fuq il-mard, l-mewt, id-demonji u l-elementi tan-natura. Għal kelmtu, ir-riefnu u l-mewġ inbidlu fi bnazzi. Fejjaq mijiet minn kull xorta ta' mard, qajjem il-mejtin, u ħafer id-dnubiet. Diversi profeti wettqu mirakli bil-qawwa t'Alla u għall-glorja tal-isem t'Alla, iżda qatt biex jeżaltaw

lilhom infushom. B’kuntrast Ġesù wettaq il-mirakli biex juri *l-glorja tiegħu*.[1]

Immaġinak li kont wieħed mid-dixxipli ta’ Ġesù. Darba minnhom waqt li kontu qed taqsmu għan-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, Ġesù kien rieqed fuq imħadda fil-poppa. Qamet maltempata kbira. L-ilma beda dieħel fid-dgħajsa u kien jidher ċar li kontu qed tegħrqu. Ftakart fi kliem l-Iskrittura: ‘O Mulej, Alla tal-eżerċti, min hu, Mulej, qawwi bħalek bil-fedeltà tiegħek imdawwra madwarek? Inti taħkem il-qawwa tal-baħar, meta l-imwieġ tiegħu jqumu, int traqqadhom.’[2]

Imxarrab għasra u mwerwer, titlob minn qalbek lill-Mulej Alla jgħinkom għax taf li hu biss għandu setgħa fuq l-imwieġ. Hu biss jista’ jeħliskom. Sadanittant xi ħadd qajjem lil Ġesù. Hu qam, ċanfar lir-riħ, u qal lill-baħar: ‘Iskot, ikkwieta.’ B’għaġeb kbir ir-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira. Id-dixxipli beżgħu u staqsew lil xulxin: ‘Xi bniedem hu dan, *biex ir-riħ u l-baħar stess jobduh*?’ Kieku kont hemm, inti x’kont twieġeb?

---

[1] Ġwanni 2:11.

[2] Salm 89:8-9.

# 2. Alla

Qabel naraw ix-xhieda tal-Bibbja fuq id-Divinità ta' Kristu, jeħtieġ nistaqsu: Min hu Alla? Hemm ħafna li jsejjħulhom 'allat,' imma il-mifdija tal-Mulej jagħrfu Alla wieħed. Lilhom il-Mulej ikkmandahom: 'Ma jkollokx Alla ieħor għajri.'[1] Alla veru jingħaraf mill-attributi tiegħu (etern, omnixjenti, eċċ), mill-ismijiet (Jáwe, Alla, il-Mulej), u mix-xogħlijiet t'idejh (il-ħolqien, is-salvazzjoni, il-ġudizzju tad-dinja).

X'tgħallem l-Iskrittura dwar Ġesù: għandu l-attributi divini, jissejjaħ bl-ismijiet u t-titli t'Alla, u jwettaq ix-xogħolijiet tiegħu?

## Attributi Divini

**Etern -** Bħala bniedem Ġesù beda l-eżistenza tiegħu fil-konċepiment, madwar elfejn sena ilu. Imma Kristu jagħti x'tifhem li kien jeżisti minn qabel. Qal: 'Intom min hawn isfel;

---

[1] Esodu 20:3.

jien minn fuq. Intom minn did-dinja; jien miniex minn did-dinja.'[1] Dwar Ġesù, is-Sultan li joħroġ minn Betlehem, il-profeta jħabbar li 'nislu jkun mill-qedem, *mill-jiem ta' dejjem.'*[2]

Mosè kiteb: 'Qabel twieldu l-muntanji, jew *qabel* ma int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla.'[3] Qabel il-ħolqien kien hemm Alla waħdu mill-eternità. Ġesù stqarr li kien fil-glorja u l-imħabba tal-Missier '*qabel* kienet id-dinja.'[4] Ladarba hu 'qabel il-ħwejjeġ kollha,'[5] Kristu huwa etern.

Alla bagħat lil Mosè għand il-Lhud u qallu: 'Hekk għidilhom lil ulied Iżrael, JIEN HU bagħtni għandkom.'[6] Ħafna sekli wara, l-Lhud sfidaw lil Ġesù kif seta' ra 'l Abraham (li kien ilu mejjet elfejn sena) ladarba Ġesù kellu anqas minn ħamsin sena. It-tweġiba tiegħu rrabjathom: 'Tassew, tassew ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, *jien hu*.'[7] Kieku Ġesù kellu bidu f'xi żmien qabel Abraham, seta' jwieġeb: 'Qabel

---

1 Ġwanni 8:23.

2 Mikea 5:2.

3 Salm 90:2.

4 Ġwanni 17:5, 24.

5 Kolossin 1:17.

6 Esodu 3:14.

7 Ġwanni 8:58. *Ego eimi* dejjem tradotta 'jien hu.' Ara Ġwanni 6:35; 8:12; 11:25; 14:6.

Abraham, jien kont.' Iżda Kristu ma qalx hekk. Sejjaħ lilu nnifsu bl-isem etern t'Alla, *Jien hu.* L-għedewwa tiegħu fehmuh tajjeb u qabdu l-ġebel biex iħaġġruh. Id-dixxipli tiegħu jifhmuh ukoll iżda kuntrarju għall-għedewwa tiegħu, il-Kristjani jemmnu li Ġesù hu etern, jew fil-kliem l-Iskrittura, li Ġesù hu *'l-ħajja eterna.'*[1]

**Omnipotenti -** Alla għandu setgħa infinita. Jista' jagħmel kollox, u ebda kreatura ma tista' twettaq l-istess għemejjel tiegħu. Meta l-Lhud akkużawh li kiser is-Sibt għax fejjaq wieħed marid għal 38 sena, Ġesù ċaħad li għamel xi ħaġa kontra l-Missier: 'Tassew, tassew, ngħidilkom: l-Iben ma jista' jagħmel xejn minnu nnifsu, għajr dak li jara l-Missier jagħmel.' Imbagħad kompla jgħid: 'Għax dawk il-ħwejjeġ kollha li jagħmel (il-Missier), dawn l-Iben jagħmel.'[2] Ladarba jagħmel kulma jagħmel il-Missier, Kristu hu omnipotenti bħalu. Mhux għalhekk Kristu għandu l-qawwa 'jżomm il-ħwejjeġ kollha bil-kelma tas-setgħa tiegħu'?[3]

Il-Mulej Ġesù jissejjaħ 'l-Alfa u l-Omega, l-ewwel u l-aħħar'[4] Jgħid hekk fuqu nnifsu: 'Jien hu l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-

---

[1] 1 Ġwanni 1:2.

[2] Ġwanni 5:15-19.

[3] Lhud 1:3.

[4] Ara Rivelazzjoni 1:11-18; 22:12,13.

tmiem, jgħid il-Mulej, li hu, u li kien, u li ġej, *Dak li jista' kollox.'*[1] Kristu hu omnipotenti.

**Omnixjenti -** Alla biss jaf kollox. Jaf saħansitra l-ħwejjeġ moħbija f'qalb il-bniedem. Dwar Alla, il-Bibbja tiddikjara: 'Int, int waħdek tagħraf qalb ulied il-bnedmin kollha.'[2] Issa l-Iskrittura tgħallimna li Kristu 'jaf lil kulħadd,' 'jaf x'hemm fil-bniedem,' 'ifittex fil-ġewwieni u l-qlub.'[3] L-appostli talbu lil Mulej: 'Int, Mulej, li taf il-qlub tal-bnedmin kollha', u bl-aktar kliem sempliċi: 'Issa nafu li *taf kollox.'*[4]

**Omnipreżenti -** Alla jinsab kullimkien.[5] Għalhekk seta' jqawwi qalb il-poplu tiegħu fit-Testment il-Qadim u jassigurah bil-preżenza tiegħu: *'Jien magħkom*, jgħid il-Mulej tal-eżerċti.'[6] Ġesù jwiegħed l-istess faraġ lid-dixxipli tiegħu meta qalilhom: 'Ara, *jien dejjem magħkom*.'[7] L-eluf ta' laqgħat tad-dixxipli ta' Kristu li jinġemgħu fl-istess waqt mad-dinja kollha huma xhieda tal-omnipreżenza tiegħu għax hu

[1] Rivelazzjoni 1:8.

[2] 1 Slaten 8:39.

[3] Ara Ġwanni 2:24,25. Rivelazzjoni 2:23.

[4] Atti 1:24; Ġwanni 16:30.

[5] Ara Salm 139:7,8.

[6] Ħaggaj 2:4.

[7] Mattew 28:20.

wegħdhom: 'Fejn tnejn jew tlieta huma miġburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom.'[1]

**Imħabba -** 'Allaa hu mħabba.'[2] L-imħabba t'Alla hi inifinita għax Alla hu infinit. Moħħna ma jista' jifhem qatt il-kobor bla tarf ta' mħabbtu. L-appostlu Pawlu jitlob għall-Kristjani biex jifhmu l-wisa', u t-tul, u l-fond u l-għoli, u jagħrafu l-imħabba ta' Kristu, *li tgħaddi kull għerf.'*[3] L-imħabba ta' Kristu hi infinita.

**Qaddis -** Alla jsejjaħ lilu nnifsu 'l-Qaddis.'[4] L-appostlu Pietru jsejjaħ lil Kristu bl-istess isem: 'Il-Qaddis u l-Ġust.'[5]

**Immutabbli -** Alla huwa immutabbli; ma jinbidilx. B'kuntrast mal-ħolqien, Alla jibqa' l-istess. 'Għax jien il-Mulej ma nitbiddilx.'[6] L-imħabba, il-ġustizzja, il-qawwa, l-għerf, u n-natura tieghu jibqgħu l-istess għal dejjem. Il-Bibbja tgħid ukoll dwar Kristu: 'U int, Mulej, fil-bidu qeghdt is-sisien tal-art u xogħol idejk huma is-smewwiet; huma jintemmu imma int tibqa', kollhom jiqdiemu bħalma tagħmel libsa. U

---

[1] Mattew 18:20.

[2] 1 Ġwanni 4:8.

[3] Efesin 3:19.

[4] Ħosegħa 11:9.

[5] Atti 3:14.

[6] Malakija 3:6.

tkebbibhom bħal mantar, u jitbiddlu: iżda *int tibqa' l-istess*, u sninek ma jintemmux.'[1]

Mela Kristu hu etern, omnixjenti, omnipotenti, omnipreżenti, imħabba infinita, il-Qaddis u ma jinbidilx. Jew fi kliem Kristu stess: 'Kulma għandu l-Missier hu tiegħi.'[2]

## Titli Divini

**Jáwe -** Jáwe hu l-isem li bih Alla għarraf lilu nnifsu lill-poplu fit-Testment il-Qadim.[3] Isem il-Mulej Ġesù huwa Jáwe, kif jidher ċar meta nqabblu dawn ir-referenzi mit-Testment il-Qadim mal-kitba tal-appostli:

- Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq il-Mulej (Jáwe), wittu fid-deżert triq lil Alla tagħna!' (Isaija 40:3; cf. Mattew 3:3).
- U jiġri, li kull min isemmi isem il-Mulej (Jáwe) ikun meħlus (Ġoel 2:32; cf Rumani 10:13).
- Dan hu l-isem li bih isejjħulu: il-Mulej (Jáwe) il-ħaqq tagħna (Ġeremija 23:5,6).

[1] Lhud 1:10-12.

[2] Ġwanni 16:15.

[3] 'Jehovah' jew 'Jáwe' (YHWH), fil-Lhudi jinstema' 'Jien hu' (Esodu 3:14-15).

- Qabbel Isaija 6 ma Ġwanni 12:38-41. Isaija lemaħ lil Jáwe fuq it-tron tal-glorja għax is-serafini kienu jgħidu: 'Qaddis, Qaddis, Qaddis, hu l-Mulej (Jáwe) tal-eżerċti!' Issa l-appostlu Ġwanni jinformana li Isaija ra l-glorja tal-Mulej Ġesù. Bla dubju mela, il-Mulej Ġesù huwa Jáwe.

**Alla -** L-anġlu ħabbar li iben Marija kellu jissemma Emmanwel, li jfisser 'Alla magħna.' Ġwanni jibda l-Evanġelju bl-istqarrija: 'Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet m'Alla, u l-Kelma kienet Alla.' L-appostlu Tumas jindirizza lil Ġesù: 'Mulej tiegħi u Alla tiegħi.' L-appostlu Pawlu jsejjaħlu 'hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem,' u 'Alla l-kbir, is-salvatur tagħna Ġesù Kristu.' L-appostlu Pietru jsejjaħlu 'Alla u s-salvatur tagħna Ġesù Kristu.' U fl-aħħar, Alla l-Missier innifsu jindirizza lill-Iben: 'It-tron tiegħek, o Alla, hu għal dejjem ta' dejjem.'[1]

**Il-Mulej -** Hemm ħafna sidien, imma wieħed hu s-Sid fuq is-sidien u fuq kollox: il-Mulej Alla. It-titlu 'Mulej' (Kurios) hu mogħti lil Kristu aktar minn sitt mitt darba. Ġesù Kristu hu 'il-Mulej,' 'Sid is-Sibt,' is-Sid ta' kulħadd,' 'il-Mulej tal-glorja,'

---

[1] Mattew 1:21-23; Ġwanni 1:1; 20:28; Rumani 9:5; Titus 2:13; 2 Pietru 1:1; Lhud 1:8 (cf.Salmi 10:16; 45:6-7).

'Sid is-sidien' u 's-Sid wieħed.'[1] Bħalma l-qaddisin fit-Testment il-Qadim sejjħu lil Jáwe 'Sidna' hekk ukoll l-Insara kontinwament isejjħu lil Kristu 'Sidna' u 'Mulej tagħna.'[2]

## Il-Ħidma t'Alla

**Ħallieq -** L-appostlu Ġwanni jgħallimna li l-ħolqien sar bi Kristu, il-Kelma t'Alla: 'Fil-bidu kienet il-Kelma (Sidna Ġesù) … kollox sar biha; u xejn ma sar mingħajrha milli sar.'[3] Alla ħalaq id-dinjiet *bil-kelma tiegħu*, mhux permezz ta' xi kre-jatura.[4] Żgur li ħadd ma jażżarda jgħid li l-Kelma t'Alla, li biha għamel kollox, kienet maħluqa![5] Alla nnifsu jixhed: 'Jien il-Mulej li għamilt kollox, li meddejt is-smewwiet *waħdi,* u frixt l-art minni nnifsi.'[6]

L-imnikket jiftaħ qalbu quddiem il-Mulej, Alla tiegħu, u jgħid-lu: 'Mill-qedem int qegħidt is-sisien tal-art: u s-smewwiet huma xogħol idejk.'[7] It-Testment il-Ġdid jirrepeti l-istess kliem dwar l-Iben: 'U int, Mulej, fil-bidu qegħidt is-sisien tal-

---

1 Ara Efesin 1:2; Mattew 12:8; 1 Korintin 2:8; Riv. 19:16; 1 Korintin 8:6.

2 Eżempju Salmi 35:23, 24; Efesin 1:3.

3 Ġwanni 1:1-3.

4 Ara Lhud 11:3.

5 Salm 119:89.

6 Isaija 44:24.

7 Ara Salm 102:25.

art u *xogħol idejk* huma is-smewwiet.'[1] B'qalbi kollha ngħanni lill-Mulej Ġesù: 'Int jistħoqqlok, o Mulej, li tilqa' glorja u ġieħ u setgħa għax int ħlaqt kollox u bir-rieda tiegħek saru u nħolqu.'[2]

**Salvatur -** Il-Mulej Alla qal: 'Jien, iva jien li nħassar ħtijietek *minħabba fija,* u ma niftakarx dnubietek.'[3] Il-Kristjani jithennew bl-isem ta' Ġesù (Jáwe salvatur). Dnubiethom huma maħfura *minħabba ismu*.[4] 'Semmih Ġesù,' qal l-anġlu lil Ġużeppi, 'għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom.'[5]

Il-bniedem midneb jippretendi li mhux tant ħażin. Jaħseb li jista' (forsi bi ftit għajnuna minn Alla) jpatti għal dnubietu permezz ta' opri tajba. L-Iskrittura tagħti verdett differenti: il-midneb hu mejjet fi dnubietu, u ma jistax isalva bl-għemejjel tiegħu.[6] Alla waħdu jista' jsalvah. 'Jien, iva jien, jien il-Mulej, u għajri m'hemmx salvatur.'[7] L-Iskrittura tiddikjara li Ġesù Kristu hu 's-Salvatur tad-dinja,' 'is-Salvatur tal-ġisem (il-knisja),' 'Alla u Salvatur tagħna,' u 'Sidna u Salvatur

---

1 Lhud 1:8-10.

2 Rivelazzjoni 4:11.

3 Isaija 43:25.

4 Ara 1 Ġwanni 2:12.

5 Mattew 1:24.

6 Ara Efesin 2:8,9.

7 Isaija 43:11.

tagħna.’ [1] Ladarba hemm Salvatur wieħed, Alla, u Kristu hu dan s-Salvatur, m’għandux ikun diffiċli għalik tagħraf Kristu min hu.

**Imħallef -** F’jum il-Ġudizzju l-bnedmin kollha jidhru quddiem Alla: ‘Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal *t'Alla* … kull wieħed jagħti kont ’l Alla tiegħu nnifsu.’[2] L-Iskrittura tirrepeti l-istess kliem għal Kristu. ‘Aħna lkoll jeħtieġ nidhru quddiem it-tribunal *ta’ Kristu*.[3] Ġesù Kristu hu ‘l-mħallef tal-ħajjin u l-mejtin.’[4] Min ħlief Alla jista’ jagħmel ġudizzju infallibli fuq il-bnedmin kollha?

## Alla Veru

Alla veru jingħaraf mill-attributi tiegħu (etern, omnixjenti, eċċ.), mill-ismijiet (Jáwe, Alla, il-Mulej), u mix-xogħlijiet t’idejh (il-ħolqien, is-salvazzjoni, il-ġudizzju). L-Iskrittura tgħallem li Ġesù hu etern, omnipotenti, omnixjenti, omnipreżenti, imħabba infinita, qaddis, u immutabbli. Jismu Jáwe, Alla u l-Mulej. Il-ħolqien hu xogħol idejh; hu s-Salvatur u l-Imħallef tad-dinja. L-evidenza biblika twassal għal

---

[1] Ara Ġwanni 4:42; Efesin 5:23; 2 Pietru 1:1,11.

[2] Ara Rumani 14:10-12.

[3] 2 Korintin 5:10.

[4] Atti 10:42.

konklużjoni inevitabbli: Ġesù Kristu hu Alla fl-istess sens bħall-Missier, 'ix-xbieha perfetta tal-persuna tiegħu.'[1]

Kun assolutament ċert li Kristu hu Alla veru, mhux xi 'alla' ċkejken jew maħluq.[2] Alla jiddikjara: 'Qabli l-ebda Alla ma ssawwar, u lanqas ħadd ma jkun hemm warajja.'[3] L-appostlu Ġwanni jaċċertana dwar Ġesù Kristu: '*Dan hu Alla veru.*'[4]

[1] Lhud 1:3.

[2] Kristu jissejjaħ 'Alla Qawwi,' li huwa Jáwe, Isaija 9:6; 10:21-22. 'Alla li jista' kollox' u 'Alla l-qawwi' m'humiex żewġ allat iżda żewġ titli tal-istess Alla, Jáwe (Esodu 6:2-3; Ġeremija 32:18).

[3] Isaija 43:10.

[4] 1 John 5:20.

# 3. Bin Alla

Dan it-titlu għoli ta' Ġesù Kristu jgħinna nifhmu aħjar ir-relazzjoni tiegħu m'Alla l-Missier.

## L-Iben hu distint mill-Missier

Il-Missier u l-Iben huma persuni distinti minn xulxin. Il-Missier iħobb l-Iben, u l-Iben iħobb lill-Missier. It-tnejn jigglorifikaw wieħed lill-ieħor. Il-Mulej Ġesù qal: 'Jiena wieħed li nixhed lili nnifsi, u l-Missier li bagħtni jixhidli.'[1]

L-appostlu jgħallimna li l-Kelma *kienet Alla,* u fl-istess sentenza jgħallimna wkoll li 'l-Kelma kienet *ma' Alla.*[2] Min jemmen l-Iskrittura jilqa' ż-żewġ veritajiet: Kristu huwa Alla, u distint minn Alla l-Missier.

---

[1] Ġwanni 3:35; 14:31; 17:1; 8:18.

[2] Ġwanni 1:1.

## L-Iben sottomess għall-Missier

Sabiex iseħħ il-pjan tal-fidwa tal-bniedem, l-Iben sar ubbidjenti għall-Missier: 'Għalkemm kien Iben, *tgħallem l-ubbidjenza* minn dawk il-ħwejjeġ li bata.'[1] Stqarr li kien mibgħut mill-Missier, li ma jagħmel xejn minnu nnifsu għajr dak li jara l-Missier jagħmel, li ħa kmandament mingħand il-Missier, talab lill-Missier, u dejjem għamel ir-rieda tiegħu anke meta swietlu ħajtu. Alla l-Missier fdalu f'idejh il-missjoni biex iġib ordni f'univers ribelluż; saħansitra l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu taħt riġlejh. U fl-aħħarnett Kristu innifsu jkun imtaħħat (sottomess) għal Alla l-Missier.[2]

L-Iben huwa sottomess għall-Missier. Iżda dan ma jfissirx li l-Iben mhux Divin daqs il-Missier. Biex tgħinna nifhmu, l-Iskrittura tfakkarna fil-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ. 'Ir-ras tal-mara hu r-raġel, u ras Kristu hu Alla.'[3] Fiż-żwieġ, ir-raġel hu ras il-mara, u l-mara hi sottomessa għal żewġha. Iżda ċertament ħadd ma jqis li r-raġel aktar uman mill-mara, jew il-mara anqas umana mir-raġel. Għalkemm għandhom rwol differenti, it-tnejn huma umani l-istess. Hekk

[1] Lhud 5:8.

[2] Ara Ġw. 8:29; 5:19; 10:18; Mark 14:36; Ġwanni 5:30, 1 Korintin 15:27,28.

[3] 1 Korintin 11:3.

ukoll il-Missier hu ras Kristu, l-Iben sottomess għall-Missier. Għandhom rwol differenti, iżda it-tnejn huma Divini l-istess.

## L-Iben daqs il-Missier

It-titlu 'l-Iben t'Alla' jenfasizza n-natura Divina ta' Kristu, skont it-tifsira semitika tal-kelma 'iben.' Bl-istess mod, Ġesù jissejjaħ ukoll *'Bin il-bniedem'* - mhux għaliex f'xi żmien kien imnissel minn raġel. Jissejjaħ 'Bin il-bniedem' għaliex hu *tassew uman.* Hekk ukoll Kristu ma sarx Bin Alla għaliex kien imnissel mill-Missier f'xi żmien.[1] Jissejjaħ 'Bin Alla' għaliex hu *tassew Divin.*

Ir-relazzjoni tal-Missier mal-Iben hi għalkollox differenti minn tal-ħlejjaq mal-Ħallieq tagħhom. Il-Lhud riedu joqtlu lil Ġesù 'għax qal li Alla hu Missieru, u b'hekk għamel lilu nnifsu *daqs Alla.'* [2] Kristu kkonferma li fehmuh sewwa. Qalilhom li l-ħwejjeġ kollha li jagħmel il-Missier, jagħmilhom l-Iben ukoll. Kif il-Missier iqajjem il-mejtin, l-Iben jagħti l-ħajja lil min irid u jagħmel ġudizzju minn kulħadd.[3]

---

[1] 'Int ibni, illum nissiltek' hi referenza għall-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Ara Atti 13:32-33.

[2] Ġwanni 5:18.

[3] Ara Ġwanni 5:16ff.

Tista' timmaġina għal mument xi maħluq jgħid dawn il-ħwejjeġ fuqu nnifsu? Hemm xi bniedem jew anġlu li jista' jagħmel il-ħwejjeġ kollha li jagħmel il-Missier, iqajjem il-mejtin u jagħmel il-ġudizzju tal-Aħħar Jum? Dażgur li le! Dak il-bniedem li jitkellem hekk ikun midgħi jew miġnun.
Issa jekk ma rridux nakkużaw lil Kristu b'agħwa jew b'ġenn (kif għamlu l-għedewwa tiegħu), ikollna nikkonkludu li kien qed jgħid il-verità: *Kristu hu daqs Alla.* Nitolbok tikkonsidra sewwa dawn l-istqarrijiet li l-Iben għamel dwaru nnifsu:

- li tagħraf lilu tkun tagħraf 'l Alla,
- li tara lilu tkun tara 'l Alla,
- li temmen fih tkun temmen 'l Alla,
- li tilqa' lilu tkun tilqa' 'l Alla,
- li tobgħod lilu tkun tobgħod 'l Alla,
- li tonora lilu tkun tonora 'l Alla.[1]

Bl-aktar mod solenni l-Iben stqarr: 'Jiena u Missieri ħaġa waħda aħna.'[2] L-udjenza fehmitu sew x'ried ifisser: 'Int bniedem, tagħmel lilek innfsek *Alla*.' Dawk li m'emmnuhx

[1] Ara Ġwanni 8:19; 14:7; 12:45; 14:9; 14:1; Mark 9:37; Ġwanni 15:23; 5:23.

[2] Ara Ġwanni 10:27-42. L-Iben u l-Missier huma ħaġa waħda sew fl-*għan* kif ukoll fis-*setgħa*. Kieku Ġesù hu ħaġa waħda mal-Missier fil-għan *biss*, għaliex iddefenda lilu nnifsu mill-akkuża ta' dagħwa? Hi dagħwa jekk bniedem jgħid li hu ħaġa waħda m'Alla fil-ħsieb u l-għan tiegħu?!

akkużawh b'dagħwa u riedu joqtluh. Dawk li emmnu fih tawh qima għax hu l-Iben t'Alla.[1]

U inti, ħabib, x'qed tagħmel?

---

[1] Ara Mattew 14:33.

# 4. Inkarnazzjoni

L-Iskrittura tgħallem li Kristu huwa bniedem. L-istess Skrittura tgħallem ukoll li Kristu huwa Alla. Għalhekk nemmnu li Kristu għandu żewġ naturi: natura divina u natura umana. Forsi wieħed jisaqsi: kif jista' jkun li persuna waħda, Kristu, huwa Alla u bnidem? Ma nafx, u niddubita jekk xi ħadd jifhimx 'il-misteru t'Alla, Kristu.' Biżżejjed għan-Nisrani jemmen, mhux għax jifhem kollox, iżda għax hekk tgħallem l-Kelma ispirata.

Darba Ġesù kien qed jgħallem fit-Tempju: 'Kif jgħidu l-iskribi li Kristu hu Bin David? Għax David innifsu jgħid bl-Ispirtu s-Santu: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi sakemm inqiegħed l-għedewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. Mela David innifsu sejjaħlu *Sidu*, u mnejn mela hu *ibnu?'* [1]

Ħalli naħsbu ftit fuq din il-mistoqsija. Kristu huwa *bin* David għaliex ġej minn nislu. Mattew jagħti l-ġeneoloġija tiegħu fil-bidu tal-Vanġelu. L-appostlu Pawlu jgħid li 'ġej minn nisel ta'

[1] Mark 12:35-37.

David skont il-ġisem.'[1] Dan ifisser li Kristu huwa bniedem. U għaliex *Sid* David? L-Iskrittura tiddikjara li Sid is-Sultan David huwa Jáwe.[2] Mela, ladarba huwa Sid David, Kristu huwa Jáwe, Alla.

Għalhekk il-Messija huwa sew Bin David (bniedem) u Sid David (Alla), kif kienu ħabbru l-profeti Isaija u Ġeremija: 'Tweldilna tifel,' u l-Mulej inibbet 'lil David Rimja tas-sewwa' (provi tal-umanità tal-Messija); u ismu 'Alla qawwi,' u 'Jáwe l-ħaqq tagħna' (provi tad-Divinità tiegħu).[3]

It-Testment il-Ġdid jirrepeti l-istess verità. Fil-bidu tal-Vanġelu, Ġwanni jsejjaħ lil Kristu 'l-Kelma,' u jiddikjara li l-Kelma kienet *Alla*. Imbagħad ikompli jiddikjara li 'l-Kelma saret *ġisem* u għammret fostna.'[4] Il-Kelma kienet Alla minn dejjem (fil-bidu) u saret bniedem (fiż-żmien). Jeħtieġ mela nżommu quddiem għajnejna li Kristu għandu sew natura Divina u natura umana.

Xi argumenti maħsuba biex joskuraw id-Divinità ta' Kristu huma mibnija fuq referenzi għall-umanità tiegħu. Ngħidu

---

[1] Rumani 1:3.

[2] Salmi 130:3; cf. 35:23, 24; 86:2-6.

[3] Ara Isaija 9:6,7 u Ġeremija 33:14-16.

[4] Ġwanni 1:1, 14. Il-kelma 'inkarnazzjoni' tfisser 'fil-laħam' - u tirreferi għall-verità biblika li l-Logos sar 'laħam,' jiġifieri li minbarra n-natura Divina, hu ħa wkoll in-natura umana.

aħna, 'Ħadd qatt ma ra 'l Alla f'xi żmien.' Veru, hekk tgħid l-Iskrittura. 'Imma,' l-argument jissokta, 'lil Kristu rawh.' Ovvjament dan hu veru wkoll. Nistgħu mela nikkonkludu li Kristu mhux Alla? Assolutament le! Lil Alla ħadd ma rah għax hu spirtu; lil Kristu rawh għax il-Kelma saret *ġisem* u għammret fostna. Il-fatt li Kristu deher hu xhieda tan-natura umana tiegħu, imma ma teskludix il-possibiltà li għandu wkoll natura Divina. Jekk parti mill-bandiera Maltija hi bajda, ma jfissirx li parti oħra mhix ħamra.

## Il-bniedem Kristu Ġesù

Kristu sar bniedem biex ikun il-Feddej tal-bnedmin. 'Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, iżda biex jaqdi, u biex jagħti ħajtu b'fidwa għal ħafna.' 'Hekk kien miktub, u hekk kien jinħtieġ illi Kristu jbati, u li jqum mill-imwiet fit-tielet jum.'[1] Kristu sar bniedem, u jibqa' bniedem għal dejjem. Meta deher lill-appostli wara l-qawmien, huma twerwru u beżgħu għax 'ħasbu li raw spirtu.' Iżda sabiex jassigurahom, qalilhom: 'Araw idejja u riġlejja, kif jiena jien innifsi; missuni,

[1] Mark 10:45; Luqa 24:46.

u araw; għax spirtu m'għandux la laħam u lanqas għadam, bħalma taraw li għandi jien.'[1] Żgur li ma riedx iqarraq bihom.

Waqt il-martirju, Stiefnu sammar għajnejh lejn is-sema u qal: 'Ara qiegħed nara s-smewwiet miftuħa u 'l *Bin il-bniedem* wieqaf fuq il-lemijia t'Alla.' Ġesù stqarr: 'Għad taraw *Bin il-bniedem* qiegħed fil-lemin tal-qawwa, u ġej fis-sħab tas-sema.' Pawlu priedka lill-filosfi f'Ateni: Alla 'waqqat jum, li fih għandu jagħmel ħaqq mid-dinja fis-sewwa b'dak *il-bniedem* li għażel.'[2]

Għaliex jeħtieġ insostnu li Ġesù huwa bniedem anke llum? Għax aħna l-bnedmin neħtieġu rappreżentant (u allura jrid ikun bniedem bħalna) biex jidħol għalina quddiem Alla. Liema bniedem 'qaddis, bla ħtija, bla għajb, mifrud mill-midinbin, u mgħolli aktar 'l fuq mis-smewwiet' jikkwalifika biex iservi bħala Qassis għalina?

Wieħed biss! 'Hemm Alla wieħed, u medjatur wieħed bejn Alla u l-bniedem.' L-Iskrittura ma tgħidx 'kien hemm' Alla jew 'kien hemm' medjatur (fil-passat); iżda tgħid li 'hemm' Alla u 'hemm' medjatur (fil-preżent). L-Iskrittura tidentifika min hu

---

[1] Luqa 24:39.

[2] Ara Atti 7:55,56; Mark 14:62,63; Atti 17:31.

dan il-medjatur: ‘il-*bniedem* Kristu Ġesù.’[1] Il-medjatur uniku li bħalissa hemm fuq il-leminija tal-Missier hu tassew bniedem.

L-Iben t’Alla sar bniedem, għadu bniedem u jibqa’ bniedem għal dejjem.

[1] 1 Timotju 2:5

# 5. Umiljazzjoni

L-appostlu Pawlu jistedinna nikkonsidraw tlett fażijiet fil-ħajja tal-Mulej Ġesù: qabel l-inkarnazzjoni, fl-ewwel miġja tiegħu fid-dinja u wara l-qawmien u t-tlugħ fis-sema.[1] Jikteb: 'Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù li għalkemm kien f'sura t'Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla.'

Minn qabel l-inkarnazzjoni Kristu kien *f'sura t'Alla.* Aħna għandna *sura ta' bnedmin, għax fil-fatt aħna bnedmin.* Bl-istess mod, Kristu kien *f'sura t'Alla għax hu tassew Alla*.

Kristu ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla. L-ebda kreatura m'għandha l-jedd tgħid li hi daqs Alla. Infatti l-isbaħ fost il-ħlejjaq sab il-waqa' tiegħu meta tkabbar u ried ikun bħal Alla. 'Kif waqajt mis-sema, o Luċifru, bin is-sebħ! … Għax int għidt f'qalbek: nitla' fis-sema, nețalta t-tron tiegħi fuq il-kwiekeb t'Alla … nagħmel lili nnifsi *bħall-Ogħla'* [2] Hija

[1] Filippin 2:5-11.

[2] Isaija 14:12-14.

ribelljoni u kburija li anġlu jqis lilu nnifsu daqs Alla; li l-Iben iqis lilu nnifsu daqs Alla hu dritt tiegħu, għax hu tassew Alla.

## Tbattal

Imma l-Iben għamel għażla tal-għaġeb. L-appostlu Pawlu jkompli: 'Iżda xejjen (battal) lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin, u wara li minn barra nstab bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.'

Minflok il-glorja tal-Ġenna, Kristu għażel li jbattal lilu nnifsu.

- *Minn barra nstab bħala bniedem:* f'għajnejn in-nies il-Mulej Ġesù kien biss bniedem.[1]
- *Kien magħmul f'sura ta' qaddej:* kif qal hu stess, 'Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, iżda biex jaqdi.'[2]
- *Sar ubbidjenti:* imwieled u għix taħt il-liġi.[3]
- *Sal-mewt tas-salib:* dan hu l-aktar stat baxx li qatt seta' jinżel fih. Is-salib huwa s-simbolu tas-saħta t'Alla.

---

[1] Ara Ġwanni 6:41,42.

[2] Mark 10:45.

[3] Galatin 4:4.

Meta kien f'dan l-istat baxx, Kristu stqarr bla ħabi: 'Missieri akbar minni.'[1] F'dak iż-żmien, l-Iben kien fi stat ta' umiljazzjoni, fid-dinja, mibgħud, mistkerraħ, jaqdi lill-ħlejjaq tiegħu. Ftit sigħat wara ntrefa' -- mhux fuq tron ta' glorja, iżda fuq salib aħrax; u mlibbes -- mhux kuruna tal-glorja, iżda waħda tax-xewk. Fl-istess waqt il-Missier kien fil-glorja tas-sema, meqjum u moqdi minn qtajja ta' anġli, merfugħ fuq it-tron tal-majestà.

Meta għażel jumilja lilu nnifsu, Kristu qatt u bl-ebda mod ma tilef xi ħaġa minn natura Divina tiegħu. Ġesù stess jistaqsina: 'Min hu l-akbar, dak li qiegħed fuq il-mejda, jew dak li jaqdi? Mhux dak li qiegħed fuq il-mejda?' Meta tmur tiekol f'ristorant inti tkun f'pożizzjoni akbar mill-wejter li jaqdik. Dan hu paragun tal-*istat* tagħkom imma mhux paragun tan-*natura* tagħkom. Il-wejter mhux inqas uman minnek; u int mintix uman akbar minnu. Bl-istess mod, l-istat umli ta' Kristu ma jimplikax natura differenti jew anqas mill-Missier.

L-Iskrittura tiddikjara: 'Ġesù Kristu l-bieraħ, u llum, *hu l-istess,* u jibqa' għal dejjem.'[2] Id-Divinità ta' Kristu ma tinbidilx. Bħala Malti għandek id-dritt tivvota imma jekk tagħżel li ma

---

[1] Ġwanni 14:28. Il-kelma 'akbar' tintuża bħala paragun tal-istat ta' żewġ persuni. Ara Mattew 11:11; Luqa 22:27; Ġwanni 13:16; 15:20.

[2] Lhud 13:8.

teżerċitax dan id-dritt, ma jfissirx li ma tibqax Malti. Hekk ukoll Kristu; minkejja li l-ħolqien kollu hu tiegħu ('kull ħaġa maħluqa bih u għalih'), hu stess ammetta li 'l-volpijiet għandhom il-ħofor, u t-tjur tal-ajru għandhom il-bejtiet, imma Bin il-bniedem m'għandux fejn imidd rasu.'[1]

Ladarba hu l-Imgħallem u l-Mulej, kellu kull dritt li jkun moqdi mid-dixxipli tiegħu. Iżda minflok il-Mulej qiegħed ħwejġu fil-ġenb, ħa xugaman, tħażżem u ħaslilhom riġlejhom. Madankollu innota li anke waqt li kien qed jaħsel riġlejn niesu, Kristu kien *il-Mulej* tagħhom.[2] Il-Kristu li għażel iż-żeblieħ, is-swat u d-diżunur kien, imqar waqt id-dlam iswed tas-salib, *il-Mulej tal-glorja.*[3]

## Misħut

It-trattament ħażin u infami tal-Lhud lejn Sidhom hu xhieda tal-ħażen tagħna l-bnedmin. Imma l-Iskrittura tnixxifna u tbellaħna meta tgħidilna li *'l-Mulej* għoġbu jisħqfu.'[4] Kif jista' jkun li Alla l-Missier jisħaq lil Ibnu l-maħbub, il-Qaddis u l-Ġust? Kulma ġarrab Ġesù minn idejn il-midinbin kien dak li l-

[1] Kolossin 1:16; Mattew 8:20.

[2] Ġwanni 13:14

[3] Ġwanni 10:17,18; 1 Korintin 2:8.

[4] Isaija 53:10.

idejn u l-fehma t'Alla qatgħu minn qabel li kellu jsir.[1] Nitlob 'l Alla jagħtik il-grazzja tagħraf ir-raġuni għall-umiljazzjoni ta' Kristu li wasslitu fuq is-salib tal-Kalvarju.

L-appostlu Pawlu jispjega: 'Għax dawk kollha li huma tal-opri tal-liġi huma taħt is-saħta; għax hu miktub: Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha.'[2] Fi kliem ieħor, jekk qed tipprova tinġieb m'Alla bl-ubbidjenza tiegħek għal-liġi, inti misħut - misħut għax ksirt u qed tikser il-liġi qaddisa tiegħu.

L-appostlu jkompli: 'Imma li l-ebda bniedem ma hu ġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, Il-ġust jgħix bil-fidi.' Alla, l-Imħallef tad-dinja mhu se jiddikjara lil ħadd ġust għax obda l-liġi (għax fil-fatt kulħadd kiserha). Alla jiġġustifika biss lil min m'għadux jafda fl-opri tiegħu, imma jistrieħ bil-fidi fil-Mulej għas-salvazzjoni tiegħu.[3]

Forsi tistaqsi: Kif jista' Alla jiġġustifika lill-midneb li jemmen fi Kristu? Mhux xorta dineb bħall-oħrajn? Mhux xorta l-ġustizzja titlob kastig għal dnubietu? Hekk hu! Imma Alla sab mezz kif isolvi d-dilemma tagħna. Il-Kelma tiegħu twieġeb:

[1] Ara Atti 4:27,28; 2:23.

[2] Nitolbok tistudja sewwa Galatin 3:10-13.

[3] Ara Galatin 3:12 u Rumani 4:4, 5.

‘Kristu fdiena mis-saħta tal-liġi, billi sar saħta għalina; għax hu miktub: Misħut kull min ikun imdendel ma’ għuda.’

Kristu jifdi (jeħles, jaħfer) lill-midneb li jemmen fih mis-saħta tal-liġi għax hu kien misħut minfloku. Il-kastig li kien jixraq lil midneb ħadu l-Feddej tiegħu. Għal ħafna nies il-mewt ta’ Kristu ma tfisser xejn, imma għall-mifdijin, is-salib hu l-ftaħir tagħhom. Alla fetħilhom għajnejhom biex jagħrfu sew l-iskop tas-salib, kif ukoll min hu Dak li miet fuqu. Jgħidu:

> Aħna ħsibnih milqut, midrub minn Alla, u umiljat.
> Hu kien miġruħ minħabba ħtijietna,
> misħuq minħabba l-ħażen tagħna,
> il-kastig li bih għandna s-sliem kien fuqu.[1]

Min kien Dak li daħal responsabbli għad-dnubiet ta’ niesu, u ħa fuqu l-kastig tagħhom? Il-Mulej Alla stess iwieġeb: *‘Iħarsu lejja, lejn min huma nifdu.’* [2]

---

[1] Isaija 53:4-5.

[2] Żakkarija 12:10.

# 6. Glorifikazzjoni

L-istorja ta' Kristu ma tintemmx fil-qabar ta' Ġużeppi minn Arimatea. Allaħares! Jekk Kristu ma qamx, fiergħa hi l-fidi tad-dixxipli tiegħu. Nirringrazzjaw 'lAlla li l-aħħar att tad-dramm tal-fidwa jeħodna fl-għoli tas-smewwiet.

Fil-lejl qabel ma bata, Kristu qal lid-dixxipli. 'Kieku ħabbejtu-ni kontu tifirħu għax għidt: Sejjer għand Missieri, għax Missieri akbar minni.[1] Missieru kien fi stat għoli, fil-glorja tas-sema. Kristu kien fi stat umli, 'immaqdar u xejn ma qis-niehh.'[2] Kristu battal lilu nnifsu għall-fidwa ta' niesu, iżda kienet ix-xewqa kbira tiegħu li wara li jgħaddi mill-għajb u t-tbatija tas-salib, jirritorna għand il-Missier fil-glorja. 'U issa, o Missier, igglorifikani int bik innifsek stess, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.'[3]

Għalhekk kien messhom ferħu d-dixxipli meta qalilhom li sejjer għand il-Missier! Jien inħobb lil Sidi Ġesù, u nifraħ

[1] Ġwanni 14:28.

[2] Isaija 53:3.

[3] Ġwanni 17:5.

wisq għax Kristu m'għadux aktar fl-istat ta' umiljazzjoni. Ma jgħidx iżjed 'sejjer għand Missieri.' Kristu *mar* għand il-Missier: it-tron t'Alla hu t-tron tal-Ħaruf; it-tron tal-Ħaruf hu t-tron t'Alla.[1] Ma jgħidx iżjed 'Missieri akbar minni.' Kristu hu issa *glorifikat* fil-Missier, bil-Missier u mal-Missier.[2]

L-appostlu Pawlu wara li jispjega kif Kristu xejjen u umilja lilu nnifsu, jipproklama bil-ferħ: 'Għalhekk Alla għollih wisq, u tah l-isem li hu fuq kull isem; biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irkoppa, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; u li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu Mulej, għall-glorja t'Alla l-Missier.'[3]

Qabel 'il-Mulej għoġbu jisħqu,' issa 'Alla għollih wisq'. Qabel 'xejn ma qisnih,' issa 'tah l-isem li hu fuq kull isem.' Ġesù 'niżel qabel fl-inħawi l-aktar saflenija tal-art,' issa 'tela' wisq 'il fuq mis-smewwiet kollha, biex jimla kollox.'[4]

Il-Kristjan minn qalbu jirrikonoxxi li Ġesù jixraqlu l-ogħla unur u l-ogħla isem għaliex jagħraf min hu u x'għamel għalih. Mhux biss. Alla l-Missier jinsisti li *kulħadd* jammetti li Dak li darba miet fuq salib hu s-Sid 'biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa

---

[1] Ara Rivelazzjoni 7:14-17; 22:1-3.
[2] Ġwanni 13:32; 17:5.
[3] Filippin 2:9-11.
[4] Ara Isaija 53:10, 3; Efesin 4:9-10.

kull irkoppa.' Din il-qima tixraq biss lil Alla waħdu. Alla stess iddikjara: 'Duru lejja u tkunu salvati, truf kollha tal-art, għax jien Alla, u m'hemmx ieħor għajri. Ħlift bija nnifsi; kelma tal-ħaqq ħarġet minn fommi, u ma tarġax lura: *kull irkoppa tiltewa lejja.'*[1] Habib, qiegħed tilwi rkopptejk quddiem il-Mulej Ġesù u tqimu bħala Alla skont ir-rieda tal-Missier?

Ikkonsidra l-glorja li qed jirċievi Ġesù Kristu, il-Ħaruf t'Alla. 'Kull kreatura li hemm fis-sema, u fuq l-art, u taħt l-art, u li hemm fil-baħar, u kulma hemm fihom, smajthom jgħidu: Barka, u ġieħ, u glorja, u setgħa lil dak li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf għal dejjem ta' dejjem.'[2]

Adorazzjoni bħal din mill-ħlejjaq kollha tixraq biss lil 'dak li qiegħed fuq it-tron' — lill-Mulej Alla waħdu. Iżda nitolbok innota li l-istess adorazzjoni qiegħda tingħata 'lill-*Ħaruf* għal dejjem ta' dejjem.' L-erba' kreaturi wieġbu 'Amen.' Nittama li inti wkoll twieġeb magħhom: 'Amen! Iva, Kristu jistħoqqlu l-istess ġieħ u unur li nagħti 'l Alla biss, u mhux għal ftit żmien iżda għal dejjem ta' dejjem.'

[1] Isaija 45:22-23.

[2] Rivelazzjoni 5:13.

Alla qal, 'il-glorja tiegħi ma nagħtihiex lil ħaddieħor.'[1] Alla ma jippermettix kompetizzjoni għall-glorja tiegħu. Issa meta kull kreatura tmil l-irkoppa quddiem il-Mulej Ġesù, dan ma jnissilx l-għira t'Alla iżda jkun *għall-glorja t'Alla l-Missier.*[2] Nittama li tifhem għaliex il-glorja mogħtija lill-Iben hi glorja mogħtija lill-Missier. Iżda jekk le, nistħajjel lil Ġesù jċanfrek bil-ħlewwa, 'ilni daż-żmien magħkom, u għadek ma tafnix?'

[1] Isaija 48:11.

[2] Filippin 2:11.

# 7. Qima

Ix-xhieda biblika fuq id-Divinità u l-umanità tal-Messija hi żgura. Sewwa jekk temmen, kif ukoll jekk ma temminx, *il-Mulej Ġesù hu Alla u bniedem.* Il-verità ma tinbidilx u ma tiddependix l-opinjoni tiegħek. Madankollu jekk ma temminx fih tkun qed tisiġilla t-telfien tiegħek: 'Jekk ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom.'[1] Nitlob 'l Alla li temmen fil-Mulej Ġesù bħalma kienu jemmnu fih id-dixxipli tal-knisja bikrija. Ħabib, qabbel lilek innifsek magħhom…

Il-Kristjani jafdaw is-salvazzjoni tagħhom fi Kristu.[2] Għalihom xejn m'għandu valur daqsu: 'Iva, bla dubju, jien inżomm kollox bħala telf ħdejn il-privileġġ kbir li nagħraf 'il Kristu Ġesù Sidi, li għalih sofrejt it-telfa ta' kull ħaġa, li jien inqis bħala skart biex nirbaħ 'l Kristu.'[3]

---

[1] Ġwanni 8:24.

[2] Efesin 1:13.

[3] Filippin 3:8.

Il-Kristjani kapaċi jġarrbu kull tiġrib bl-għajnuna tiegħu: 'kollox nista' nagħmel permezz ta' Kristu li jqawwini.'[1] Jirrikkorru lejh kontinwament fil-bżonnijiet tagħhom tant li l-Bibbja ssejjħilhom: 'dawk kollha li kullimkien isejjħu l-isem ta' Ġesù Kristu Sidna.'[2]

Kristu hu t-tama tagħhom, kuljum jistennew b'antiċipazzjoni id-dehra glorjuża tiegħu.[3] Iħobbuh aktar minn ħajjithom stess. 'Għalija l-ħajja hi Kristu u li mmut qliegħ.'[4] Tassew, eluf minnhom mietu martri għalih. 'Jien imħejji mhux biss li nkun marbut, imma wkoll li mmut … għal isem il-Mulej Ġesù'[5] F'kelma waħda, għall-Kristjani denji ta' dak l-isem imbierek, *'Kristu hu kollox.'* [6]

Huwa dmirna li nonoraw lill-ġenituri, il-mexxejja u lil kulħadd, imma l-unur li għandna nagħtu 'l Alla hu għalkollox differenti. 'Int għandek tqim lill-Mulej Alla, u lilu biss taqdi.'[7] Jekk tonora lil xi ħlejqa *bħalma* tonora 'l Alla tkun ħati ta' idolatrija. Meta Pietru mar għand Kornelju, dan waqa' f'riġlejh u qiemu. Imma Pietru qajmu, u qallu, 'Qum, jien

---

[1] Filippin 4:13.
[2] 1 Korintin 1:2.
[3] Kolossin 1:27; Titus 2:13.
[4] Ara Mattew 10:37-39; Filippin 1:21.
[5] Atti 21:13.
[6] Kolossin 3:11.
[7] Mattew 4:9-10.

bniedem ukoll.' Band' oħra, Ġwanni nxteħet biex jagħti qima f'riġlejn anġlu. Iżda l-anġlu ċanfru: 'Ara li ma tagħmilx dan; għax jien il-qaddej tiegħek … agħti qima 'l Alla.'[1]

Min ma jemminix li Kristu hu Alla jammetti li għalkemm jisħoqqlu xi unur, u forsi ħafna unur, imma ċertament mhux unur *daqs* Alla. Mill-banda l-oħra, jekk temmen li Kristu hu Alla, tagħraf dmirek li tqimu u tonorah bħalma tonora lill-Missier. Jalla tkun gwidat mit-tagħlim ċar tal-Iskrittura fuq l-attitudni tiegħu lejn il-Mulej Ġesù.

Ġesù Kristu hu meqjum mill-anġli kollha t'Alla. Fi twelidu, il-maġi nxteħtu fl-art u tawh qima. Diversi nies qimuh waqt il-ministeru tiegħu. Id-dixxipli tiegħu tawh qima. Wara l-qawmien, 'resqu u qabdulu riġlejh, u qimuh.' Qabel tela' s-sema, l-appostli (inklużi Pietru u Ġwanni) qimuh.

Bħalissa miljuni ta' Kristjani mxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja jingħaqdu mal-ħlejjaq tas-sema, jinxteħtu quddiem il-Ħaruf u jgħidu: 'Jisħoqqlu l-Ħaruf li nqatel biex jieħu s-setgħa, u l-għana, u l-għerf, u l-qawwa, u l-ġieħ, u l-glorja u l-barka.'[2] Il-Kristjani jobdu mill-qalb ir-rieda t'Alla għax hu jrid

[1] Ara Atti 10:25; Rivelazzjoni 22:9.

[2] Ara Lhud 1:6; Mattew 2:11; 8:2; 9:18; 15:25; 14:33; 28:9,17; Riv. 5:8-12.

li 'l-bnedmin kollha jweġġħu l-Iben *bħalma* jweġġħu l-Missier.'[1]

Nittama li int ukoll tweġġaħ lil Kristu *bħalma* tweġġaħ lill-Missier - xejn aktar u xejn anqas. Imma jekk le, kun af li l-Missier ma jilqax 'it-tifħir' u 'l-qima' tiegħek jekk m'intix tweġġaħ 'l Ibnu bl-istess mod. 'Min ma jweġġaħx l-Iben, ma jweġġaħx lill-Missier li bagħtu.'[2]

X'se twieġeb lis-Sultan tas-slaten, li niżel minn fuq it-tron tal-glorja, neża' l-kuruna majestuża tiegħu sabiex ġie fid-dinja, kien imdendel mal-għuda u mlibbes kuruna tax-xewk għall-fidwa ta' midinbin bħalek? Jekk tibqa' indifferenti jew temmen fi 'Kristu ieħor,' tmut fi dnubietek. Hares bil-fidi, nitolbok, lejn min idejh u ġenbejh minfuda, u bħal Tumas wieġbu u għidlu: 'Mulej tiegħi, u Alla tiegħi.'

Jasal il-jum meta tidher quddiem it-tron tal-majesta' tiegħu. Se jkun l-Imħallef għall-kundanna tiegħek, jew is-Salvatur biex jilqgħek fl-hena miegħu għal dejjem?

---

[1] Ġwanni 5:23.

[2] Ibid.

# 8. Personali

Fl-aħħarnett nixtieq nagħmel appell lill-qarrej biex tieħu deċiżjoni dwar il-Mulej Ġesù. Tħallix dan il-mument jaħrablek. Id-destin tiegħek jiddependi fuq r-relazzjoni tiegħek mas-Sid Ġesù.

## Lix-Xhieda ta' Ġeħova

Ħabib, s'issa kont temmen li Ġesù hu anġlu, ħlejqa t'Alla. Sa issa ma kontx temmen li hu Alla u bniedem. Nixtieq għalhekk nistaqsik: min hu l-medjatur tiegħek quddiem Alla? Inti teħtieġ bniedem bħalek biex jirrappreżentak quddiemu; anġlu ma jikkwalifikax. Medjatur wieħed hemm bejn Alla u l-bniedem, *il-bniedem* Kristu Ġesù.[1]

Temmen f'Ġesù bħala s-Salvatur tiegħek? Jekk tgħid iva, imma tqisu li hu maħluq, inti tkun tgiddeb 'l Alla għax hu jiddiskjara ċar: 'Jien, iva jien, jien il-Mulej, u għajri m'hemmx

[1] 1 Timotju 2:5.

salvatur.’[1] Mill-banda l-oħra, int taf li l-Iskrittura tippreżenta lil Ġesù bħala s-Salvatur tad-dinja, kif jikteb l-appostlu Pawlu dwaru: ‘Kull min isejjaħ isem il-Mulej ikun salvat.’[2] Fil-fatt l-appostlu qed jikkwota mill-profeta Ġoel (2:32). Issa l-profeta Ġoel jidentifika lil Dak li ismu għandna nsejjħu għas-salvazzjoni, bħala Jáwe. Sejjaħ, nitolbok, isem il-Mulej Ġesù għas-salvazzjoni tiegħek, kif jgħallmek it-Testment il-Ġdid, u emmen f’qalbek li hu Jáwe, kif jgħallmek it-Testment il-Qadim.

## Lill-Ħbiebi Kattoliċi

Nirringrazzja ’l Alla li kont mgħallem li Kristu hu Alla u bniedem. Kellek opportunità oħra tara l-glorja Divina tiegħu mill-Kotba Mqaddsa. Hu jistħoqqlu l-fiduċja u t-tifħir kollu tagħna. Il-glorja tiegħu ma jagħtihiex lil ħaddieħor. Irrikorri għandu, mhux għand Marija u l-qaddisin, għas-salvazzjoni u l-għajnuna li teħtieġ. Ġwanni l-Battista jesprimi x-xewqa tal-qaddisin kollha meta qal, ‘Hu jeħtieġ jikber imma jien neħtieġ nonqos.’[3]

---

[1] Isaija 43:11.

[2] Rumani 10:13.

[3] Ġwanni 3:30.

Int temmen li Ġesù hu bniedem, u sewwa tagħmel. Ġesù m'għadux bambin u m'għadux imsallab mas-salib. 'Jiena hu l-ħaj, u kont mejjet; u ara, jien ħaj għal dejjem ta' dejjem.'[1] Tela' s-sema u qiegħed fuq in-naħa tal-lemin t'Alla l-Missier jidħol għal dawk kollha li jafdaw fih. Ħallielna l-Ikla bil-ħobż u l-frott tad-dielja *b'tifkira tiegħu,* u mhux biex inġeddu s-sagrifiċċju tas-salib. M'għandux bżonn ta' kuljum joffri sagrifiċċju għax dan għamlu darba meta offra lilu nnifsu.[2] Nitolbok ħabib, għas-salvazzjoni ta' ruħek, afda fih biss u fil-merti infiniti tas-sagrifiċċju perfett li Ġesù offra darba għal dejjem.

## Liż-Żgħażagħ

Inti qed tfittex biex tifhem u tilħaq l-iskop tal-eżistenza tiegħek. Għandek id-dubbji u skoss mistoqsijiet. Forsi tqis lil Ġesù bħala mudell jew filosfu eċċellenti. Kristu ma jilqax 'tifħir' bħal dan. Kristu m'għallimx filosofija oħra, triq oħra, mezz ieħor. Kristu xandar lilu nnifsu. Hu stess it-tweġiba. 'Jien hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.' Kristu huwa uniku. 'Ħadd ma jmur għand il-Missier ħlief bijfa.'[3] Ironikament, Pilatu

[1] Rivelazzjoni 1:18.
[2] Ara Lhud 7:27.
[3] Ġwanni 14:6.

qatt ma kien eqreb lejn il-verità daqs meta staqsa lil Ġesù: 'X'nhi l-verità?' Traġikament Pilatu telaq 'l hemm, 'l bogħod mill-verità li kien ifittex. Ħabib, tagħmilx bħalu!

## Lil Ħuti Kristjani Evanġeliċi

Kemm għandna nkunu grati lejn Alla u nifirħu li għarafna lil Ġesù u doqna t-tjieba tal-imħabba tiegħu! Ejja nagħmluh it-tir ta' ħajjitna li nikbru 'fil-grazzja u fil-għarfa ta' Sidna u Salvatur Ġesù Kristu. Lilu l-glorja, issa u għal dejjem. Ammen.'[1]

Ammen!

[1] 2 Pietru 3:18.